MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tal-11 ta' April, 2012

Talba Numru. 563/2011

**G.M.S. Developments Limited – C-37401**

**vs**

**Eleno sive Lino Vassallo – ID-506249(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici ddikjarat illi fil-31 ta' Awissu 2009 is-socjeta' rikorrenti kienet tat b'lokazzjoni lill-intimat, ghal durata ta' zmien sena, l-penthouse, internament immarkat numru 5, formanti parti minn blokk ta' flats bl-isem ta' "Rimini Court", bin-numru ufficjali 146, fi Triq Sir Luigi Preziosi, Bugibba gewwa San Pawl il-Bahar; Illi l-kera kienet ta' tlett mija u tlett Ewro (€303) pagabbli mill-intimat kull 3 xhur bil-quddiem b'effett mill-4 ta' Settembru, 2009; Illi inoltre, fl-iskrittura lokatizzja, kien hemm pattwit, inter alia, illi l-intimat, qua inkwilin, kellu "jikkontribwixxi ghas-servizzi fil-partijiet komuni u ghat-tindif taghhom, flimkien mal-proprjetarji l-ohra fl-istess blokk, kif ukoll ghall-

manutenzjoni tal-partijiet komuni u tal-lift”; Illi l-intimat qatt ma kien puntwali fil-hlas ta’ kera u qatt ma ta sehemu ghall-manutenzjoni tal-partijiet komuni u tal-lift hekk kif ser jigi ahjar pruvat fil-kors ta’ dawn il-proceduri; Illi ghalkemm l-intimat effettwa xi pagamenti ta’ kera, ghad fadal il-bilanc ta’ tlett elef, mitejn u sittin Ewro u hames centezmi (€3,260.05c) illi jirraprezentaw kemm kera arretrata u kemm pagamenti ta’ sehemu dwar manutenzjoni tal-partijiet komuni u tal-lift u hlasijiet ghal konsum ta’ ilma u elettriku; Illi ghalkemm l-intimat gie diversi drabi mitlub jirregola l-posizzjoni tieghu, baqa’ inadempjenti; Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza biex is-socjeta’ rikorrenti tirriskwoti l-ammont lilha dovut ta’ tlett elef, mitejn u sittin Ewro u hames centezmi (€3,260.05c) hekk kif imfisser aktar kmieni;

Ghaldaqstant, jghid l-intimat ‘l ghaliex dan it-Tribunal m’ghandux:

i. Jiddikjara li l-intimat naqas milli josserva l-obbligi tieghu ai termini tal-ftehim ta’ lokazzjoni datat 31 ta’ Awissu, 2009 u ghalhekk jiddikjarah inadempjenti;

ii. Jiddikjara illi s-socjeta’ rikorrenti hija kreditrici ta’ l-intimat fl-ammont ta’ tlett elef, mitejn u sittin Ewro u hames centezmi (€3,260.05c), jew somma verjuri, kif imfisser fil-premessi supra;

iii. Jikkundanna lill-intimat ihallas l-ammont ta’ tlett elef, mitejn u sittin Ewro u hames centezmi (€3,260.05c), jew somma verjuri lis-socjeta’ rikorrenti.

Bl-ispejjez tal-prezenti proceduri u dawk tal-mandat kawtelatorju ta’ sekwestru intavolat kontestwalment mal-prezenti proceduri u bl-imghax mid-data ta’ l-intavolar a karigu ta’ l-intimat illi huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill- konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tlett elef mitejn u sittin Ewro u hames centezmi (€3,260.05c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------